Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8651 — Bosch/HASCO/ASCN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 341/08)

1. Fl-4 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Robert Bosch GmbH ("Bosch", il-Ġermanja),

— Huayu Automotive Systems Company Ltd ("HASCO", iċ-Ċina), ikkontrollata permezz ta' SAIC Motor Corporation mill-Kummissjoni ta' Superviżjoni u Amministrazzjoni tal-Assi Statali tal-Gvern Muniċipali ta' Shanghai,

— Bosch Automobile Steering (Nanjing) Co., Ltd ("ASCN", iċ-Ċina), ikkontrollata minn Bosch.

Bosch u HASCO - permezz tal-impriża konġunta (joint venture) tagħhom, Bosch HUAYU Steering Systems Co., Ltd - jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' ASCN.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bosch: fornitur attiv globalment ta' teknoloġija u servizzi għall-industrija tal-vetturi, teknoloġija industrijali, oġġetti tal-konsum u l-industriji tal-enerġija u tat-teknoloġija tal-bini,

— għal HASCO: attiva fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' komponenti awtomotivi għal varjetà ta' manifatturi tal-karozzi,

— għal ASCN: attiva fil-produzzjoni ta' tagħmir għall-manuvrar assistit mill-enerġija (power assisted steering geas), l-aktar fiċ-Ċina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8651 — Bosch/HASCO/ASCN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.